MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 289/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fid-29 ta' Awissu, 2005 li permezz tagħha l-attur espona bir-rispett:

Illi l-attur A u l-konvenuta l-assenti B iżżewġu fid-19 ta' Awissu tas-sena 1989;

U illi miż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti twieldu tlett itfal X ta' erbatax-il sena, Y ta' tnax-il sena u Z ta' disa' snin;

U illi l-partijiet ilhom separati *de facto* seba' snin;

U li l-konvenuta assenti rrendiet ruħha ħatja kontra l-attur żewġha ta’ adulterju, sevizzi, eċċessi u nġurji gravi b’konsegwenza li ż-żwieġ ta’ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment;

U illi ż-żwieġ ta’ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

U illi l-attur ġie awtorizzat jipproċedi għas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) (Dok. A).

Għaldaqstant, tgħid il-konvenuta assenti għaliex din l-Onorabbli Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi minħabba adulterju, sevizzi, eċċessi u nġurji gravi kommessi mill-konvenuta assenti kontra żewġha u/jew sussidjarjament peress li ż-żwieġ ta’ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, X ta’ erbatax-il sena, Y ta’ tnax-il sena u Z ta’ disa’ snin, jew min minnhom f’idejn l-attur u fin-nuqqas tordna li l-attur ikollu aċċess għat-tlett itfal minuri;

3. Tikkundanna lill-assenti tħallas manteniment għall-attur personalment u / jew għat-tfal minuri;

4. Ixxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f’żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati waħda lill-attur u l-oħra lill-konvenuta assenti, billi tikkonsidra t-tortijiet kommessi mill-konvenuta assenti b’konsegwenza ta’ liema ż-żwieġ tkisser irrimedjabilment, *occorrendo* billi jiġi nominat perit, nutar biex jirċievi l-att opportun u kuratur biex jirrappreżenta l-kontumaċi fuq l-istess att;

5. Tikkundanna lill-konvenuta assenti tirritorna lill-attur l-assi parafernali kollha tiegħu;

6. Tapplika kontra l-konvenuta assenti s-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili;

7. Tordna li l-konvenuta għandha tirriverti għall-kunjom xbubitha.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta assenti, li hi minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno nomine, ippreżentata fl-10 ta' Ottubru, 2005, li permezz tagħha eċċepew;

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u jirriżervaw meta jkun il-każ li jissottomettu eċċezzjonijiet ulterjuri;

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno nomine maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits ta' l-attur u tax-xhieda l-oħra kif ukoll id-dokumenti esebiti minnu.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba r-raġunijiet indikati fiċ-ċitazzjoni. Għalkemm għamel diversi talbiet jidher mill-provi li ressaq, li l-attur huwa iktar interessat li jerġa' jara lil uliedu milli minn xi interessi patrimonjali. In fatti ma għamel ebda provi fir-rigward u

għalhekk il-Qorti ma tistax tipprovdi dwar it-talbiet fir-rigward.

Mill-provi jirriżulta li l-konvenuta telqet minn Malta bit-tlett itfal tal-kontendenti ċirka tmien snin ilu u minn dakinhar l-attur ftit kellu ċans jara lil uliedu. Fl-affidavit tiegħu jikkonċedi u issa t-tfal ilhom numru ta' snin emigrati, jitkellmu tajjeb bil-lingwa tal-post u ma jixtiqx li jerġa' jħarbtilhom ħajjithom iżda ġustament jixtieq li jkun jista' jarahom iktar spiss. Jirriżulta wkoll li fil-mori tal-kawża, il-konvenuta ottjeniet digriet ta' divorzju minn Qorti estera u għalhekk wieħed jippresumi li minn meta l-attur ippreżenta l-affidavit il-konvenuta reġgħet bidlet ir-residenza tagħha. Dan il-fatt ukoll naturalment għandu konsegwenza legali.

Kwantu għall-kustodja l-Qorti tħoss li f'dan l-istadju ma jkunx ġust mat-tfal li jiġu ordnati lura Malta iżda ċertament l-attur għandu dritt li jarahom mingħajr xkiel u spejjeż u l-konvenuta li kienet ħatja li telqet minn Malta bit-tfal għandu jkollha dover li ġġibhom biex l-attur jingħata aċċess ġust, qegħda fejn qegħda.

Il-konvenuti nomine ma jidhirx li rnexxielhom jagħmlu kuntatt mal-konvenuta.

**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għalhekk;**

**1. Tippronunza s-separazzjoni personali bejn il-partijiet għar-raġunijiet indikati fiċ-ċitazzjoni iżda biss riferibilment għas-sitt talba billi llum iż-żwieġ huwa dissolt b'effett tad-digriet ta' divorzju bejn il-partijiet;**

**2. Tordna li l-kustodja tat-tfal tibqa' konġunta iżda l-konvenuta jibqa' jkollha l-kura tagħhom. Tordna pero' li l-attur ikollu aċċess għall-istess minuri għal perjodu totali ta' xahrejn fis-sena a spejjeż tal-konvenuta;**

**3. Tiċħad it-tielet talba;**

**4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti iżda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tar-raba' talba;**

**5. Tiċħad il-ħames talba minħabba nuqqas ta' provi;**

**6. Tilqa' s-sitt talba u tiddeċiedi għal dan il-għan li l-partijiet isseparaw b'effett mill-1 ta' Jannar, 2000;**

**7. Tilqa' s-seba' talba.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuta prevja l-ħlas proviżorju tal-kuraturi mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------